**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 14 ta' Lulju 2021**

**Talba Nru: 239/20 CZ**

**360 Retail Supplies Ltd (C 64990)**

**vs.**

**Christian McKay**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fit-13 t'Ottubru 2020 li permezz taghha premettiet illi:

It-Tribunal huwa mitlub li jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mitt Euro (€600) bhala bilanc minn self brevi manu; u sitt mija u sitta u sitin Euro u sebghin centezmu (€666.70) rapprezentanti xoghlijiet li saru fuq il-vettura tal-istess konvenut u allura b'total dovut ta' €1,266.70.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' ittra ufficcjali numru 1157/20 a tenur ta' l-artikolu 166A tal-Kap. 12 u l-imghax u l-konvenut in subizzjoni.

Ra illi l-konvenut ma prezenta l-ebda risposta;

Ra illi fl-udjenza tal-1 ta' Marzu 2021, l-avukat difensur tas-socjeta' attrici iddikjara illi in vista tal-fatt li l-konvenut ma pprezentax risposta, ma kellux aktar provi u talab li l-kawza tigi differita gha-sentenza;

Ra illi l-avukat difensur tal-konvenut irrileva li hemm bzonn tigi investigata l-kwistjoni tal-prezentata o meno tar-risposta;

Ra illi inghata terminu lill-partijiet sabiex jipprezentaw nota ta' sottomissjonijet taghom fuq il-punt appena premess;

Ra n-nota ta' sottomissjonijet prezentata mis-socjeta' attrici fil-15 t'April 2021;

Ra illi bi provvediment tal-20 ta' Mejju 2021, it-Tribunal iddikjara li l-konvenut ghandu jitqies fi stat ta' kontumacja.

Ra illi fl-istess seduta tal-20 ta' Mejju 2021, it-Tribunal ta zmien lill-partijiet sabiex jaghmlu nota ta' sottomissjonijiet finali taghhom, izda ra wkoll illi l-ebda nota ma giet prezentata fl-atti.

Ra illi l-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ikkunsidra:

Illi din hija kawza fejn is-socjeta' attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas sitt mitt Euro (€600) bhala bilanc minn self brevi manu; u sitt mija u sitta u sittin Euro u sebghin centezmu (€666.70) rapprezentanti xoghlijiet li saru fuq il-vettura tal-istess konvenut u allura b'total dovut ta' €1,266.70.

Illi **Jonathan Sciberras**, direttur tas-socjeta' attrici xehed[1] illi l-konvenut kien impjegat tas-socjeta' attrici, u kien habat bil-karozza tieghu u talab l-ghajnuna tax-xhud sabiex jirmonka, u jsewwi l-karozza. Ix-xhud kien silfu sitt mitt Euro (€600) minn flus il-kumpanija. B'dawn biss il-konvenut ma kienx wasal, u rega` talab l-ghajnuna tax-xhud. Il-kumpanija attrici ghamlet ix-xoghlijiet ta` tiswija fuq il-karozza u l-kont tela` ghal disa` mija sitta u sittin Euro u sebghin centezmu (€966.70), li minnhom il-konvenut hallas mitt Euro (€100). Wara dan, il-konvenut tkecca mix-xoghol u s-socjeta` attrici talbet il-hlas li kien baqa` jsir, kemm ghas-self, kif ukoll ghat-tiswija tal-karozza. Il-konvenut baqa` ma hallasx, u s-socjeta` attrici llum baqghalha tiehu s-somma indikata fil-kawza, u cioe` elf, mitejn u sitta u sittin Euro u sebghin centezmu (€1,266.70).

Ikkunsidra ulterjorment:

Illi t-Tribunal qed iqis illi din il-kawza hija kontestata, u dan fid-dawl tal-fatt illi l-konvenut huwa in kontumacja izda m'ammettiex it-talbiet, hlief ghat-talba relatata

---

[1] Affidavit a fol. 12 et seq.

mas-self ta' sitt mitt Euro (€600) li giet ammessa b'dikjarazzjoni fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2021.

Illi jibqa' ghalhekk is-somma l-ohra relatata mat-tiswija tal-karozza. Ix-xhud Jonathan Sciberras qal li l-hara fil-karozza kienet estensiva, u spjega b'mod generiku x'kienet il-hsara. Provi ohra oltre mill-affidavit ta' Jonathan Sciberras sabiex juru l-entita' ta' din it-tiswija ma gewx prezentati. It-Tribunal jinnota pero' illi l-konvenut kien accetta illi jhallas l-ispejjez tat-tiswija mitluba mis-socjeta' attrici, tant illi minnhom kien hallas mitt Euro (€100), minghajr ma kkontestahom, la kwantu ghall-ezistenza taghhom u lanqas ghall-quantum. Jirrizulta ghalhekk illi dawn l-ispejjez huma dovuti, u t-Tribunal m'ghandu l-ebda prova kuntrarja li tindika li dawn l-ispejjez relatati mat-tiswija tal-karozza mhumiex dovuti.

**Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici, u jordna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mitejn u sitta u sittin Euro u sebghin centezmu (€1,266.70), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-kawza odjerna sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez kif mitluba ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut.**

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Susanna Fenech

Deputat Registratur